31988R0700

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 700/88
tas-17 ta' Marzu 1988
li jistipula ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti għall-importazzjoni fil-Komunita ta' ċerti fjuri li joriġinaw f'Cipru, Iżrael u l-Gordan

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4088/87 tal-21 ta' Diċembru 1987 li jiffissa kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dazji tad-dwana preferenzjali fuq l-importazzjoni ta' xi fjuri li joriġinaw f'Cipru, f'Iżrael u fil-Ġordan [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 4088/87 jispeċifika l-arranġamenti tat-tariffa fejn għandhom x'jaqsmu l-erba' prodotti li ġejjin: il-qronfol ta' fjura waħda (blanzun), il-qronfol ta' ħafna fjuri ("spray"), il-ward ta' fjur kbir u l-ward ta' fjur żgħir, li joriġinaw fiċ¬ipru, fl-Iżrael u fil-Ġordan, li jipprovdi, fejn għandu x'jaqsam kull wieħed minnhom, għall-applikazzjoni ta' dazji tad-dwana preferenzjali meta l-prezz ta' l-importazzjoni jikkorispondi ma' prezz minimu definit skond il-prezzijiet tal- produtturi tal-Komunità;

Billi, għall-iskop li jiġu stabbiliti regoli dettaljati ta' applikazzjoni, kull wieħed mill-prodotti in kwistjoni għandu jiġi definit u l-mod li bih prezzijiet tal- produtturi tal-Komunità u prezzijiet ta' l-importazzjoni huma stabbiliti għandu jiġi determinat;

Billi, fejn għandhom x'jaqsmu l-ward, minħabba fin-numru kbir ta' varjetajiet prodotti fil-Komunità u l-fatt li l-kwantitajiet ivarjaw ħafna minn suq u minn staġun għall-ieħor, prezzijiet tal-produtturi għandhom jiġu determinati b'riferenza għall-prezz medju stabbilit fuq il-bażi ta' prezzijiet reġistrati għal varjetajiet pilota meqjusa l-iktar rappreżentattivi tal-produzzjoni tal-Komunità;

Billi l-biċċa l-kbira tal-fjuri maqtugħin impurtati mill-pajjiżi msemmija hawn fuq huma prodotti ta' kwalità għolja ħafna ġeneralment li jikkonformaw mal-livelli tal-Komunità stabbiliti għall-prodotti tal-klassi I; filwaqt li, fejn għandha x'taqsam id-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-produtturi, għandha għalhekk issir riferenza għall -prezzijiet li jġibu l-prodotti kkonċernati tal-Klassi ta' kwalità I;

Billi, għall-iffissar tal-prezzijiet tal-produtturi, varjazzjonijiet li għandhom jiġu meqjusa eċċessivi u għandhom jiġu njorati, skond it-tieni subparagrafu t'Atirklu 3 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 4088/87, huma varjazzjonijiet tal-prezzijiet ta' 40 % jew iktar 'l fuq jew taħt il-prezz medju meqjus fuq l-istess suq matul it-tlett snin ta' qabel;

Billi, għad-determinazzjoni tas-swieq rappreżentattivi, is-swieq tal-produtturi tal-Komunità u s-swieq ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità fejn il-biċċa l-kbira tat-tranżazzjonijiet huma effettwati u l-biċċa l-kbira tal-kwotazzjonijiet tal-prezzijiet huma disponibbli għandhom jitqiesu;

Billi għandu jkun provvdut li l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa għad -determinazzjoni tal-prezzijiet imsemmija hawn fuq;

Billi l-miżuri li jagħmel tajjeb għalihom dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pjanti Ħajja,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Għal kull wieħed mill-erba' prodotti, l-qronfol ta' fjura waħda (blanzun) u l-qronfol ta' ħafna fjuri ("spray"), il-ward ta' fjur kbir u l-ward ta' fjur żgħir, imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 4088/87, il-prezzijiet tal-produtturi tal-Komunità għandhom jiġu stabbiliti għall-perijodi ta' ġimgħatejn wara xulxin b'riferenza għall-prezzijiet ta' kuljum imniżżla fuq kull wieħed mis-swieq tal-produtturi rappreżentattivi għal kull wieħed mill-varjetajiet pilota elenkati fl-Anness I. Varjetajiet pilota għandhom jiġu definiti bħala dawk il-varjetajiet li huma mibjugħa fl-ikbar kwantita fis-swieq imsemmija hawn fuq u, fejn jidħlu l-ward, il-varjetajiet mibjugħa fl-ikbar kwantitajiet minn dawk elenkati fl-Anness II. Fejn jidħlu l-qronfol ta' fjura waħda (blanzun) u l-qronfol ta' ħafna fjur (spray), il-prezzijiet tal-produtturi tal-Komunità għandhom jiġu stabbiliti għat-tipi ta' blanzun u spray, rispettivament.

Il-prezzijiet ta' kuljum għall-varjetajiet pilota imsemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jiġu stabbiliti għall-prodotti tal-Klassi ta' kwalità I, definiti skond l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/68 [2], irrispettivament mill-kodiċi tat-tul; spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-preżentazzjoni tal-prodotti għandhom jiġu meqjusa inklużi fil-prezzijiet stabbiliti.

Għall-istabbiliment tal-prezz tal-produttur tal-Komunità, l-prezzijiet ta' kuljum għandhom jiġu njorati jekk fuq suq rappreżentattiv huma 40 % jew aktar 'il fuq jew l isfel mill-prezz medju li jġibu matul l-istess perijodu fuq l-istess suq matul it-tlett snin ta' qabel.

[1] ĠU L 382, tal-31.12.1987, p. 22.

[2] ĠU L 55, tat-2.3.1968, p.1.

L-Artikolu 2

Is-swieq tal-produtturi rappreżentattivi imsemmija fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4088/87 għandhom ikunu kif ġej:

— Il-Ġermanja: Neuss,

— Franza: Hyères-Ollioules, Nice, Rungis,

— L-Italja: Pescia, San Remo,

— Il-Pajjiżi Baxxi: Aalsmeer, Westland.

L-Artikolu 3

Is-swieq rappreżentattivi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4088/87 għandhom ikunu kif ġej:

— Il-Ġermanja: Neuss,

— Franza: Rungis,

— Il-Pajjiżi l-Baxxi: Aalsmeer, Westland,

— Ir-Renju Unit: Covent Garden.

Is-swieq ta' l-importazzjoni li fuqhom, għal kwalunkwe prodott jew kwalunkwe oriġini in kwistjoni, transazzjonijiet sostanzjali huma reġistrati, għandhom ukoll jiġu meqjusa bħala rappreżentattivi.

L-Artikolu 4

Fuq kull suq rappreżentattiv ta' l-importazzjoni fejn għandhom x'jaqsmu kull wieħed mill-erba' prodotti msemmija fl-Artikolu 1, u għal kull wieħed mill-oriġini li ġejjin — iċ-Ċipru, l-Iżrael u l-Ġordan — il-prezzijiet għall-prodotti importati għandhom jiġu rrekordjati għal kull biċċa kuljum fl-istadju ta' l-importazzjoni bl-ingross, bil-prezz li għandu jinkludi d-dazju tad-dwana.

L-Artikolu 5

L-Istati Membri li fihom is-swieq rappreżentattivi tal-produtturi jinstabu għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-prezzijiet ta' kuljum għall-varjetajiet pilota fil-ġimgħa ta' wara kull perijodu ta' ġimgħatejn li għalihom prezz ta' produttur tal-Komunità hu fissat.

L-Artikolu 6

L-Istati Membri li fihom is-swieq rappreżentattivi ta' l-importazzjoni jinstabu għandhom jikkomunikaw lill-Kummisssjoni f'kull ġurnata tas-suq, għal kull wieħed mill-erba' prodotti in-kwistjoni, għal kull suq u kull wieħed mill-oriġini imsemmija fl-Artikolu 4:

— il-prezzijiet imniżżla skond l-Artikolu 4,

— il-kwantitajiet mibjugħa għal kull prodott, għal kull biċċa.

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jiġi nfurzat fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil- *Ġurnal Uffiċjali tal- Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Marzu 1988.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

L-ANNESS I

VARJETAJIET PILOTA

Ward ta' fjur kbir

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja:	Sonia, Red Success
Franza:	Royal Red, Sonia, Vega
l-Italja:	Omega, Baccara, Chamade
L-Olanda:	Sonia, Madelon

Ward ta' fjur żgħir

Ir- Repubblika Federali tal-Ġermanja:	Mercedes
Franza:	Laminuette, Candia
l-Italja:	Mercedes, Miss Italia
Il-Pajjiżi Baxxi:	Motrea, l-Ewropa

ANNEX II

A. **List of cut roses, large-flower varieties**

Aalsmeer Gold
Aldogold
Aldona
Allegro
Alpha Meinastur
Ariane
Athena
Baccara
Bingo
Bridal Pink
Carambolo
Carina
Carlita
Carnaval
Carte Dor
Chamade
Charlotte
Cocktail
Darling
Denver
Diana
Diplomat
Dr A. J. Verhage
Elfe
Eliora
Evening Star
Fiorella
Golden Emblem
Ilona
Jakaranda
Jelico
Jerney
Lara
Linda
Lorena
Lovely Girl
Madelon
Mainzer Fastnacht
Manola
Marina
Mariska
Meimisa
Miss Blanche
Nathali
Nicole
Nordia
Omega
Orpas
Parfuma
Pasadena
Peer Gynt
Pecirac
Pink Sensation
Prive
Red Success
Roselandia
Royal Red
Ruby
Ruimenkos
Samantha
Sandokan
Sandra
Sel 15
Selgold
Seline
Selita
Shocking Blue
Simona
Snow Crystal
Sonia
Splendora
Sterling Silver
Sunbeam
Sweet Sonia
Sylvia
Tineke
Triada
Vega
Veronika
Vivaldi
Visa
White Masterpiece
White Success
White Weekend
Yonina
Zambra
mixed
multi-coloured.

B. **List of cut roses, small-flower varieties**

Anna
Annabella
Bahama
Belinda
Bunny
Candia
Candy Rose
Carol
Carolien
Carona
Carte Rose
Celica
Champagner
Clivia Kortag
Coronet
Disco Meilland
Disco Red
Donna
Esther Ofarim
Europa
Evelien
Evergold
Fantasia
Fleuropa
Florence
Flurosa
Frisco
Gabriella
Geko
Gerdo
Geza
Gina
Golden Belinda
Golden Times
Goldy (Goldilocks)
Granada
Grisbi
Ilseta
Innocenti
Jack Frost
Jaguar
Janina
Junior Miss
Kardinal
Kirsten
Laminuette
Little Silver
Loretta
Mandy
Mardie
Marimba
Mathilde
Mercedes
Milva
Mimi Rose
Miss Ellen
Miss Italia
Motrea
Murena
New Commer
Olivia
Only Love
Pastel Lenie
Perlata
Pink Ilseta
Polka (Meijonka)
Porcelina
President Souzy
Red Garnette
Red Ilsete
Romeo
Ronny Tober
Rosete
Roswytha
Rozette
Rubinette
Sabrina
Sagitta
Seldy
Tanaverina
Sissal
Tanja
Tiara
Wendy Light
Zurella
mixed
multi-coloured.